

Brussell, 30 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12522/22

SCH-EVAL 119
SCHENGEN 91
COMIX 446

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen April 2022 - Marzu 2023

F'Marzu 2022, il-Presidenza Franċiża sejħet l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen biex tittejjeb id-direzzjoni politika taż-żona Schengen u tissaħħaħ il-koerenza bejn din id-direzzjoni politika u l-livell operazzjonali. Il-Kunsill ta' Schengen - Kumitat Imħallat fil-livell ministerjali - għandu jitleqqa' kull meta jiltaqa' l-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u, jekk ikun meħtieġ, f'każ ta' krizi¹. Huwa kellu l-ewwel laqgħat tiegħu fit-3 ta' Marzu u fl-10 ta' Ġunju 2022.

Fl-10 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-ministri fil-Kunsill ta' Schengen "Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2022"² dwar ir-riżultati tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen u l-istat ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Fuq din il-bażi, ir-rapport jidentifika wkoll oqsma ta' prijorità possibbli għax-xhur li ġejjin. Ir-rapport ġie ppreżentat flimkien ma' orjentazzjonijiet għal azzjonijiet imħejjija mill-Presidenza Franċiża dwar għaxar oqsma li l-Kunsill seta' jiffoka fuqhom fix-xhur ta' wara³. Barra minn hekk, ir-rapport tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2022 jagħti ideat dwar x'jista' jikkostitwixxi ċiklu annwali ta' Schengen.

¹ 6234/22

² 9478/22

³ 9802/22

Fuq din il-bażi u skont il-linji ppreżentati lill-Kunsill ta' Schengen fit-3 ta' Marzu u l-10 ta' Ġunju 2022, il-Presidenza qed tipproponi ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen li ser jippermetti lill-presidenzi suċċessivi tal-Kunsill jippjanaw il-ħidma b'mod effiċjenti. Dan iċ-ċiklu ġie ppreżentat, diskuss u maqbul fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen fid-19 ta' Lulju 2022. Abbażi ta' dan, imbagħad ġie ppreżentat lill-gruppi ta' ħidma settorjali rilevanti tal-Kunsill. Il-qbil f'dan il-livell ġie kkonfermat fil-laqgħa tal-Kunsillieri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fis-27 ta' Settembru 2022.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar iċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen kif jinsab fl-anness; u
- jirrakkomanda li l-Kunsill japprova iċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen kif jinsab fl-anness.

ĊIKLU TAL-KUNSILL TA' SCHENGEN APRIL 2022 - MARZU 2023**[EVALWAZZJONIJIET TA' SCHENGEN****– JANNAR SA DIĊEMBRU]**

- Imwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 sa Jannar 2023, u skont ir-Regolament il-ġdid tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen⁴ minn Frar 2023.
- Dawn l-evalwazzjonijiet jippermettu l-verifika mill-pari tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen mill-istati kkonċernati, f'diversi oqsma importanti bħall-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-politika komuni dwar il-viżi, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), il-politika ta' ritorn, u l-protezzjoni tad-data. Dawn jistgħu jiżvelaw nuqqasijiet serji, li jeħtieġu azzjoni korrettiva minnufih.

RAPPORT ANNALI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**DWAR L-ISTAT TA' SCHENGEN****– JANNAR - APRIL**

- Mill-2023, rapport imressaq mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922. Għandu jiġi ppreżentat mill-inqas sitt ġimgħat qabel il-Kunsill ta' Schengen biex dan ikun jista' jitħejja, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen.

FORUM SCHENGEN**– MEJJU**

- Organizzat mill-Kummissjoni biex jiffaċilita diskussjonijiet informali bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji Ewropej u l-Istati Membri, b'mod partikolari biex jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Schengen.

KUNSILL TA' SCHENGEN**– ĠUNJU**

- Skop: diskussjoni tal-linji gwida definiti mill-Presidenza li jistipulaw prijoritajiet possibbli għaċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen, fuq il-bażi ta' informazzjoni mill-evalwazzjonijiet li jinsabu fir-rapport annwali tal-Kummissjoni.

KUNSILL TA' SCHENGEN**– OTTUBRU**

- Barometru⁵ pprovdut mill-Kummissjoni mill-inqas sitt ġimgħat qabel il-Kunsill ta' Schengen ta' Ottubru biex dan ikun jista' jitħejja, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen.
- Skop: eżami tal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet stabbiliti mill-Kunsill ta' Schengen, identifikazzjoni ta' miżuri korrettivi jekk meħtieġ.

⁴ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, adottat mill-Kunsill fid-9 ta' Ġunju 2022.

⁵ Il-frekwenza tal-barometru tista' tiġi aġġustata fil-futur, b'mod partikolari biex tippermetti l-identifikazzjoni ta' evoluzzjonijiet rilevanti, pereżempju kull sitt xhur.

KUNSILL TA' SCHENGEN

– DIĊEMBRU

- Barometru pprovdut mill-Kummissjoni mill-inqas sitt ġimgħat qabel il-Kunsill ta' Schengen ta' Diċembru biex dan ikun jista' jitħejja, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen.
- Skop: preżentazzjoni tal-barometru mill-Kummissjoni, eżami tal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet stipulati mill-Kunsill ta' Schengen, identifikazzjoni ta' miżuri korrettivi jekk meħtieġ.

KUNSILL TA' SCHENGEN – MARZU

- Barometru pprovdut mill-Kummissjoni mill-inqas sitt ġimgħat qabel il-Kunsill ta' Schengen ta' Marzu biex ikun jista' jitħejja, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen.
- Skop: Preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-barometru; rapport/konklużjonijiet mill-Preżidenza dwar l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet stabbiliti mill-Kunsill ta' Schengen f'Ġunju; għeluq taċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen.

